MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tas-17 ta' Lulju, 2024

Appell Inferjuri Numru 24/2024 LM

**Harrison Segura Hernandez għan-nom u in rappreżentanza ta' Damian Santiago Segura Leon (Passport Number: AZ 291467)**
*('l-appellant')*

***vs.***

**Aġenzija Identità**
*('l-appellati')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Harrison Segura Hernandez għan-nom u in rappreżentanza ta' Damian Santiago Segura Leon (Passport Number: AZ 291467)** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mid-deċiżjoni tat-3 ta' April, 2024, [minn issa 'l quddiem 'id-deċiżjoni appellata'] mogħtija mill-Bord

tal-Appelli dwar l-Immigrazzjoni [minn issa 'l quddiem 'il-Bord'], fejn iddeċieda l-imsemmi appell fil-konfront tal-intimata **Aġenzija Identità** [minn issa 'l quddiem 'l-appellata'], billi ċaħdu stante li:

> *"...since the date of filing of the appeal, Identità has not filed a reply and no further documentation has been filed."*

**<u>Ir-Rikors tal-Appell</u>**

2. Fir-rikors tal-appell tiegħu ppreżentat fil-15 ta' April, 2024, l-appellant sostna *inter alia* li huwa jikkwalifika għal rijunifikazzjoni ma' ibnu minuri, u li huwa fl-interess suprem tal-minuri li jkun unit mal-ġenituri tiegħu. Qal ukoll li huwa bl-ebda mod ma għandu jiġi penalizzat għal kwalunkwe nuqqas jew kontumaċja min-naħa tal-appellata, speċjalment meta huwa pprovda d-dokumentazzjoni neċessarja biex jipprova mezzi finanzjarji adegwati u ta' residenza. Qal ukoll illi jekk l-appellata kienet kontumaċi, il-Bord kellu jinnotifikaha biex tissottometti risposta jew dokumentazzjoni, u tappunta l-każ għas-smigħ biex is-sitwazzjoni tiġi rimedjata. L-appellant għalhekk talab illi din il-Qorti (i) tannulla, tħassar, u tirrevoka d-deċiżjoni tal-appellata datata 13 ta' Lulju, 2023; (ii) tannulla, tħassar, u tirrevoka d-deċiżjoni appellata; (iii) taċċetta l-appell tal-appellant għar-rijunifikazzjoni ma' ibnu Damian Santiago Segura Leon; (iv) tordna illi l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu mill-appellata; (v) tagħti kwalunkwe ordni jew provvediment li jidhrilha xieraq fiċ-ċirkostanzi.

**<u>Ir-Risposta tal-Appell</u>**

3. Fir-risposta tagħha ppreżentata fit-23 ta' April, 2024, l-appellata qalet *inter alia* li bħala stat ta' fatt hija qatt ma ġiet notifikata bir-rikors tal-appell

quddiem il-Bord mid-deċiżjoni tagħha datata 13 ta' Lulju, 2023, u b'hekk ma kellha l-ebda opportunità li twieġeb għall-istess appell quddiem il-Bord. Qalet li tali nuqqas ma jistax jiġi addebitat lilha, għaliex hija qatt ma setgħet twieġeb għall-appell tal-appellant, meta ma ġietx notifikata bl-istess. Qalet illi hija tal-fehma li l-atti tal-appell għandhom jintbagħtu lura quddiem il-Bord sabiex hija tkun tista' twieġeb għall-istess appell qabel mal-Bord jagħti deċiżjoni. Qalet li filwaqt li taqbel illi din il-Qorti m'għandhiex tikkonferma d-deċiżjoni appellata, mhijiex tal-fehma li din il-Qorti għandha tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni tagħha tat-13 ta' Lulju, 2023, u jew taċċetta l-applikazzjoni tal-appellant għal rijunifikazzjoni, u lanqas ma taqbel illi hija għandha tbati l-ispejjeż tal-appell odjern ġialadarba hija qatt ma ġiet notifikata bl-appell tal-appellant quddiem il-Bord. Għalhekk l-appellata tissottometti li din il-Qorti għandha tordna illi l-atti jintbagħtu lura quddiem il-Bord sabiex l-Aġenzija Identità tkun tista' twieġeb għall-appell tal-appellant quddiem il-Bord, wara li tiġi debitament notifikata bih, b'riżerva għall-produzzjoni ta' provi u sottomissjonijiet ulterjuri permessi mil-Liġi f'każ li dan ikun meħtieġ, u bl-ispejjeż kontra l-appellant.

4. Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Lulju, 2024, fejn l-appellant ma sabx oġġezzjoni li din il-pendenza tintbgħat lura quddiem il-Bord sabiex tiġi riveduta mill-Bord.

**<u>Decide</u>**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti, filwaqt li tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata, tordna illi l-atti jintbagħtu lura quddiem il-Bord sabiex l-Aġenzija**

**Identità tkun tista' twieġeb għall-appell tal-appellant quddiem il-Bord, wara li tiġi debitament notifikata bih.**

**Minħabba ċ-ċirkostanzi tal-każ, l-ispejjeż ta' dan l-appell għandhom jibqgħu bla taxxa.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**